# Birkirkara u l-Madonna tal-Karmnu

## *It-Tieni Parti (1800 - 1899)*

**Winston L. Zammit**

*B.A. (Hons) P.G.C.E. M.A.*

*Din is-sena se nkomplu mal-artiklu tas-sena l-oħra u nitkellmu fuq id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fir-raħal ta' Birkirkara*

Fil-Kolleġġjata Elenjana mibnija bejn l-1727 u l-1745, hemm artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu.

**Il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu**

Fis-seklu dsatax id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu, kompliet tissaħħaħ bit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, fl-istess Kolleġġjata.

Fl-1805, Mikiel Pace li kien il-Prokuratur tal-artal tal-Madonna tal-Karmnu għamel rikors lill-Isqof Labini. Fih semma li kienet żdiedet ħafna d-devozzjoni tal-poplu ta' Birkirkara lejn il-Madonna tal-Karmnu. Billi kienet ix-xewqa ta' Mikiel Pace u ta' ħafna devoti li jżommu ħajja din id-devozzjoni singulari, kienu ddeċidew li jwaqqfu Fratellanza taħt it-titlu tal-Madonna tal-Karmnu fl-imsemmi artal, skont l-istatut li kienu qed jippreżentaw lill-Mons. Isqof.

Fl-istess rikors, talbu lill-Mons. Isqof biex jagħtihom l-Kunsens tiegħu, u li jikkonferma l-istess statut, billi jżid dak kollu li l-Eċċellenza Tiegħu kien iħoss li hu ta' vantaġġ u ta' utilità għall-istess Fratellanza.

**L-Istatut**

Fl-istatut anness mat-talba Mikiel Pace ippropona dawn l-affarijiet:

1. Li kull fratell fid-dħul tiegħu kellu jħallas 15-il tari, 4 tari kull sena. Dawn il-fondi kellhom jintużaw għall-manteniment u l-ispejjeż tal-Fratellanza;

2. Li l-fratelli kellhom jilbsu konfratija bajda, u muzzetta vjola, bil-buttuni suwed;

3. Li l-imsemmija Fratellanza kellha ta' kull sena tiċċelebra l-festa tal-Madonna tal-Karmnu, fil-Ħadd ta' fuq is-16 ta' Lulju ta' kull sena.

4. Li l-imsemmija Fratellanza kellha tieħu sehem fil-Purċissjonijiet li kienu jsiru mill-Kolleġġjata Elenjana u f'dawk tal-Fratellanzi l-oħra, kellhom jieħdu sehem fil-purċissjoni li din il-Fratellanza kienet sejra tibda tagħmel fil-Ħadd fl-Ottava tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Il-Kurja wara li rċeviet dan ir-rikors, fil-5 ta' Ġunju 1805, ordnat li jingħata lill-Kan. Prepostu Dun Pietru Pawl Micallef, biex jagħti l-parir tiegħu. Ir-risposta tal-Preposta Micallef li ġġib id-data tat-8 ta' Ġunju 1805, kienet favorevoli. Għaldaqstant nhar it-8 ta' Lulju 1805, l-Isqof Labini waqqaf il-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu fil-Kolleġġjata Elenjana[1] .

**Il-Fratellanza u l-Prokuratur tagħha**

Mill-atti tal-Vista Pastorali tal-1849, nafu li l-Prokuratur tal-Fratellanza kien Luigi Purtanier. Mill-istess Viżta nafu li l-Fratellanza kienet tagħmel purċissjoni fil-Festa tal-Karmnu[2]. Fl-1866 il-Prokuratur kien Mastru Giuseppe Sammut[3]. Fis-26 ta' Novembru 1890, l-Arċisqof Pietru Pace ħatar lill-Kanonku Teologu Dun Alwiġ Debono bħala Prokuratur tal-Fratellanza.[4]

**L-Artal tal-Madonna tal-Karmnu**

Il-Fratellanza kienet tieħu ħsieb il-kappella u l-artal tal-Madonna tal-Karmnu. Fl-1878 a spejjeż ta' Rożina Attard il-paviment tal-kappella u t-taraġ tal-artal ġew miksija bl-irħam[5], filwaqt li fl-1886, l-artal inbidel u sar

tal-irħam a spejjeż ta' Kalċidonja Casha. Fl-1897 il-pittur Venuti pitter il-koppla u l-lunetti[6]



L-Artal iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu fil-Kolleġġjata ta' Sant'Elena f'Birkirkara

**Referenzi**


1 (A)rkivju (K)urja (A)rciveskovili, Suppliche 1786 -1808, Suppliche Vol II, f.784v-785r, 785

2 Arkivju Katidral Malta, Document Volume Unico della Prima Vista Pastorale de Mons Sant, 1849, f207v, 208r

3 A.K.A suppliche 1866 f'331.

4 Ara ritratt tal-lapida li hemm fil-kappella tal-Madonna tal-Karmnu

5 Ara ritratt tal-lapida li hemm fil-kappella tal-Madonna tal-Karmnu

6 V. Buhagiar, Tagħrif fuq il-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara (1984) p431






HYPNOS-VITAFOAM
MATTRESSES

**HYPNOS VITAFOAM**
AC Calleja
334, St Paul Street, Valletta
Tel: 2123 8163

**Vitafoam Factory**
Industrial Estate, San Ġwann
Tel: 2148 4992/3

**Marsa Stores**
Tel: 2123 9817
Mob: 7923 9817

